MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru. 1/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**V**

**MARBECK CREMONA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARBECK CREMONA** ta' tmienja w ghoxrin sena bint Anthony u Carmen nee Attard, imwielda Victoria Ghawdex nhar t-tmintax ta' Ottubru 1977 u residenti 48, Triq l-Kappillan Gusepp Hili, Fontana, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 29477M giet imressqa quddiemha akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar fid-disgha w ghoxrin ta' Awissu 2005 u fil-jiem ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprjat ruhha billi dawwret bi

profitt ghaliha jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe ghamlet approprazzjoni bla jedd tal-vettura tal-ghamla Peugeot Partner 190C bin-numru ta' registrazzjoni HPC 505 kif wkoll approprjazzjoni bla jedd ta' fondi, ghad-dannu tal-kumpanija H.P.Cole Limited ta' 65/66, Triq il-Marina, Pieta, liema vettura u fondi, li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira maltin, kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha.

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bla hsieb li tisraq, jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandha, gieghlet bl-awtorita taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi, ndahlet fi hwejjeg haddiehor.

Il-Qorti giet miltuba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil imputata thallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti f'dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta' April 2006 [fol 46] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputata tiddikjara fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2006, li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti [fol 55].

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni, lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta ta' nhar s-sittax ta' Jannar 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2006 **xehed l-Ispettur Angelo Gafa** [fol 11] fejn qal li fl-erbatax ta' Ottubru 2005, kien mar l-ufficju tieghu w anke granet qabel certu Kenward Cole li hu d-Direttur Manigerjali tal-kumpanija H.P. Cole Limited fejn allega misapproprjazzjoni ta' fondi w anke proprjeta tal-istess kumpanija minn x'impjegati tieghu.

Kompla jghid lli meta kien mar qabel ghandu, kien dejjem insista mieghu li kellu provi sufficjenti f'idejh sabiex jitlob lil Qorti jinhargu l-mandati t'arrest fil-konfront tal-impjegati msemmija. Kenward Cole kien spjegalu li fid-disgha w ghoxrin ta' Awissu 2005, kienu hargu fuq *strike* l-impjegati tal-kumpanija minhabba li kien hemm xi disgwid fuq pagi li ma thallsux lilhom u fl-istess gurnata, zewg vetturi tal-istess kumpanija ttiehdu mill-impjegati tieghu, waqt li kienu fil-pussess taghhom u dan wara li l-istess socjeta taghthom l-uzu tal-istess. Qal li wahda minnhom kienet giet assenjata lil imputata presenti fl-awla.

Ix-xhud kompla jghid li fl-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005, hu kien talab lil Qorti sabiex tohrog mandat t'arrest fil-konfront ta' x'impjegati tal-kumpanija fosthom l-imputata liema mandati kienu gew ezegwiti dakinhar stess. Qal li qabel m'inhargu l-mandati 'n kwistjoni, hu kien tkellem ma certu George Debattista li kien urih li l-kumpanija in kwistjoni kellha diversi *loopholes* fis-sistema taghha fejn bniedem seta' facilment jabbuza minn din is-sistema. Zied jghid li fost allegazzjonijiet li ghamel Kenward Cole, kien hemm dik ta' misapproprjazzjoni ta' hamest elef lira.

Ix-xhud kompla jghid li hu kien kellem lil imputata odjerna fuq allegazzjoni ta' Kenward Cole, ta' aktar minn erbgha mitt lira w anke misapproprjazzjoni tal-vettura tal-kumpanija bin-numru ta' registrazzjoni HPC 505, u wara li taha s-solita twissija, hi stqarret li minn dawk l-erbgha mitt lira msemmija, mitt lira kienu gew mghoddija lilha mill-Portofino Restaurant u li hi kienet ghaddiethom lil avukat taghha Dottor Mario Scerri f'envelopp issiggillat wara li hi kienet harget fuq *strike*. Qal li hu kien ikkonferma dan il-fatt mal-istess Dottor Mario Scerri meta kellmu. Dottor

Mario Scerri kien qallu wkoll li hu minn naha tieghu kien ipprova kemm il-darba jikkuntattja lil kumpanija biex jinfurmhom li l-mitt lira kienu ghandu, pero qatt ma rnexxielu. Ix-xhud kompla jghid li kien hemm diversi allegazzjonijiet fosthom ammont ta' wiehed u sebghin lira u hamsin centezmu, li suppost gew mghoddija lil imputata minn stabbiliment Café Café u Mekren Bakery t-tnejn f'Ghawdex u qatt ma gew moghtija lil kumpanija in dezamina ghalkemm kienu dovuti lilha.

Ix-xhud qal li l-imputata kienet stqarret mieghu li dawn l-flus hi kienet halliethom fil-vann taghha w meta l-istess vann kien gie mehud lura, l-istess flus gew mehuda wkoll, pero meta tkellem mal-kumpanija, dawn minn naha taghhom qalulu li ma kien hemm ebda flus fil-vann. Qal li aktar minn hekk, kien hemm ammont ta' mitejn wiehed w ghoxrin lira minn 'Al Porto Bar' u Victor Refalo f'Ghawdex li wkoll l-imputata qaltlu li hi qatt ma rceviet ghaliex kienu *sales on credit*.

Qal li rrisultalu minn aktar investigazzjoni, li meta l-kumpanija elevat l-vann tal-istess kumpanija, fih kien hemm tlett kaxxi Heineken, kaxxa nbid kif wkoll grossa sigaretti tal-marka Silk Cut ta' kulur isfar u xi dokumentazzjoni ta' kumpanija ohra mhux ta' Kenward Cole.

Qal li fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputata, hija stqarret li dawk l-prodotti misjuba fil-vettura proprjeta ta' Kenward Cole, kienu jappartjenu lil Kenneth Grech u kienu ordni li kienet ghamlet l-istabbiliment Ta' Rozina minghand Kenneth Grech Wines & Spirits Distributors. Hi stqarret li kienet tahdem maghhom bhala *part timer* bhala *sales representative* fl-istess zmien li kienet tahdem ma H.P. Cole Limited.
Qal li hu kien uriha *invoice* numru 2457 u l-imputata kienet ikkonfermat li kienet ta' Kenneth Grech u li l-*clients' list*, l-*walking lists* u diversi dokumenti ohra bhal *orders* u *portfolios* li nstabu fil-vann ta' H.P. Cole Limited kienu kollha jappartjenu lilha.

Ix-xhud zied jghid li meta tkellem ma Kenneth Grech, dan kien ikkonfermalu li l-imputata kienet impjegata tieghu bhala p*art timer* minn Gunju 2005 u li l-x-xoghol li kien gie elevat mill-vann ta’ H.P. Cole kien jappartjeni lil kumpanija tieghu u li dik kienet ordni ghal Ta’ Rozina tas-Sannat, liema ordni kellha tigi distribwita mill-imputata. Ix-xhud esibixxa l-mandat t’arrest datat erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005, bhala dokument AG 1, stqarrija tal-imputata bhala dokument AG 2, bhala dokument AG 3 sitt kaxxi Heineken, inbid u s-sigaretti, Insurance Service Kit dwar l-istess vann HPC 505 li jappartjeni lil Kenward Cole li fih nstabu l-oggetti esibiti li giet mmarkata bhala dokument AG 4, dokumenti li nstabu fil-vann li gew mmarkati bhala dokument AG 5, allegazzjoni ta’ H.P. Cole fil-konfront tal-imputata li giet mmarkata bhala dokument AG 6, bhala AG 7 receipts book ta’ H.P. Cole Limited li juru li l-imputata kienet irceviet  mitt lira minghand Portfolio Restaurant u diversi invoices ohra.

Illi nhar s-sebgha ta’ Marzu 2006 **xehed Kenward Cole** [fol 25] fejn qal li darba hu kien baghat zewg impjegati tieghu u cioe lil George Ferris u Peter Falzon, sabiex jirtiraw vettura u cioe dik tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta’ registrazzjoni HPC 505 li l-kumpanija tieghu kienet tat lil imputata odjerna ‘n konnessjoni max-xoghol taghhom lejn l-ahhar t’Awissu 2005 ghaliex hi, flimkien ma erbgha impjegati ohra tal-istess kumpanija, ma dahlux ghax-xoghol.

Qal li meta l-vettura giet ritornata fl-istabbiliment taghhom fi Triq il-Marina, Pieta, fiha nstabu diversi dokumenti ta’ kompetitur taghhom, kif wkoll xi xorb alkoholiku fosthom inbid, birra u sigaretti li ma kienux proprjeta tal-kumpanija tieghu, izda tal-kompetitur tieghu. Qal li fost d-dokumenti misjuba kien hemm lista bil-kalligrafija tal-imputata li kienet tghid li kien hemm xi flus li ngabru minn xi klijenti mhux taghhom ghal ammont ta’ eluf ta’ liri.

Mistoqsi jekk l-imputata gabritx xi flus ghan-nom tal-kumpanija H.P. Cole, u m’ghaddiethomx lilhom, ix-xhud wiegeb li fil-vann flus m’instabux. Mistoqsi jekk rrizultalux li kien hemm xi terzi persuni li hallsu lil imputata ghan-nom

tas-socjeta H.P. Cole Limited u l-istess imputata m'ghaddiethomx lis-socjeta tieghu, x-xhud wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi min kienu dawn il-klijenti, x-xhud wiegeb li huma dawk indikati fid-dokument AG 6 esibit u l-ammont huwa ta' erbgha mija w ghaxar liri u tmintax il-centezmu u li l-ammont dovut lilu huwa ta' tlett mija erbgha w sittin lira u ghoxrin centezmu. Qal li r-rappresentant Victor Refalo kellu zewg *invoices*, wahda ta' mija hamsa w sebghin lira u ohra ta' sbatax il-lira u hamsin centezmu. Zied jghid li Mekren's Bakery kellu ammont ta' tletin lira, Café Café kellu ammont ta' wiehed w erbghin lira u sebghin centezmu, zewg ammonti ta' hamsin lira kull wiehed migbura minn Portofino Restaurant liema ammonti ma gewx mghoddija lilu.

Meta gie muri l-oggetti esibiti u cioe l-birra, l-inbid w is-sigaretti, ix-xhud ikkonferma li dawk instabu fil-vettura tal-kumpanija tieghu. Meta x-xhud gie muri d-dokumenti AG 5, ix-xhud ikkonferma li dawk instabu fil-vettura tal-kumpanija tieghu. Qal li l-vann in kwistjoni huma ghaddewh lil imputata sabiex tuzah in konnessjoni max-xoghol tal-kumpanija tieghu fis-sens li l-imputata kienet sales girl u dan sabiex hi tkun tista tbiegh u taghmel d-*daily deliveries* tal-kumpanija tieghu li jisimha H.P. Cole Limited. <u>Qal li huma qatt ma taw awtorizazzjoni lil imputata biex taghmel xoghol ta' haddiehor bil-van tal-kumpanija tieghu</u>.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2006 **rega' xehed Kenward Cole** [fol 60] **in kontr'ezami** qal li meta hu ta ordni lil George Ferris biex jigbor il-karozza minghand l-imputata, ma kienx tah ordni biex ikellem lil imputata jew jinfurmaha b'dan, qallu biss biex jigbor il-vettura. Qal li sa fejn jaf hu, t-tfittxija fil-karozza saret minn George Ferris u Doris Lungaro Mifsud, pero hu ma kienx presenti ghal dan. Qal li mill-*istatement of accounts* ta' Victor Refalo kien jidher li hu kien baqghalu jaghti lil kumpanija u meta hu baghat impjegat tieghu certu Carmel Galea jkellem lil Victor Refalo dan kien qallu li kien effettivament hallas lil imputata.

Ix-xhud zied jghid li ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb d-domanda li saritlu mid-difiza 'l ghaliex Victor Refalo fix-xhieda tieghu kien qal li kien ghad baqghalu jaghti flus lil kumpanija w effettivament ma hallasx lil imputata ghaliex lilu dan d-diskors ma kienx qalulu. Qal li Victor Refalo hallas xi flus lil kumpanija pero kien ghad baqhalu xi bilanc. Qal li kien jaf li fis-seduta precedenti Victor Refalo kien barra l-awla jitkellem mal-imputata. Mistoqsi x'hini r-*receipt* li hemm fuq l-mamma li hemm tal-Portofino Receipt Book esibit bhala document AG 7, x-xhud wiegeb li dawk ma sarux minnu w ghalhekk ma setgha jghid xejn dwarhom.
Illi nhar s-sittax ta' Jannar 2007 **rega' xehed Kenward Cole** [fol 80] fejn mistoqsi jghid kemm il-pagament ghaddiet l-imputata ghax-xhur ta' Lulju, Awissu 2006 lis-socjeta H.P. Cole, wiegeb li kien hemm diversi pagamenti u fil-fatt esibixxa kopja ta' dawn il-pagamenti li giet mmarkata bhala dokument KC [fol 81et seq].

Illi nhar s-sebgha ta' Marzu 2006 **xehdet Doris Lungaro Mifsud** [fol 27] fejn qalet li hi tahdem bhala Commercial Manager ma H.P. Cole Limited. Qalet li l-imputata presenti fl-awla kienet *sales representative* mal-istess socjeta u kienet tkopri l-parti ta' fuq ta' Malta w Ghawdex. Qalet li fit-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 2005, l-impjegati tal-kumpanija ma kienux dahlu xoghol u fost dawn kien hemm l-imputata. Qalet li filghaxija ghalhekk kienu gabru l-karozzi li kienu mislufa lil dawn l-istess impjegati.

Qalet li l-karozza li kellha l-imputata kienet tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni HPC 505 u meta din giet ritornata lura fiha kien hemm x'inbid, birra u sigaretti, liema oggetti jinsabu esibiti l-Qorti. Qalet li fost d-dokumenti li nstabu fil-vettura kien hemm xi dokumentazzjoni ta' Kenneth Grech kif wkoll xi ordnijiet li gew moghtija lil imputata ghan-nom tas-socjeta ta' Kenneth Gech. Qalet li Abraham ma hux *supplier* tal-kumpanija fejn tahdem hi u l-istess kumpanija ma tbieghx sigaretti.

Qalet li fost l-listi li nstabu ta' Kenneth Grech fil-karozza tal-kumpanija fejn tahdem hi kien hemm wkoll

dokumentazzjoni ta’ x’kienet taghmel l-imputata mit-Tnejn sal Gimgha u cioe d-dokument AG 5.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Gunju 2006 **regghet xehdet Doris Lungaro Mifsud** [fol 62] fejn qalet li waqt t-tftixxja li saret fil-vettura tal-kumpanija li kienet uzata mill-imputata, kien hemm presenti hi u George Ferris. Mistoqsija jekk hi ccekkjatx fil-*glove compartment* ta’ quddiem ta’ din il-vettura, x-xhud wiegbet fin-negattiv. Qalet li l-karozza in kwistjoni baqghet fil-garaxx u m’intmessitx. Qalet li l-imputat kienet tiehu l-ordnijiet u tigbor l-flus taghhom, mhux li taghmel konsenja, ghalkemm kien hemm kazi fejn kienet taghmel konsenja f’isimha. Qalet li dak iz-zmien kien hemm Edward Zammit. Qalet li sakemm baqghet tahdem l-imputata, kienet baqghet tigbor l-flus tal-kumpanija. Mistoqsija jekk kienetx taghthom kollox, x-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar s-sebgha ta’ Marzu 2006 **xehed Kenneth Grech** [fol 29] fejn qal li hu ghandu kumpanija bl-isem Kenneth Grech. Mistoqsi jekk jafx lil imputata presenti fl-awla, x-xhud wiegeb li kien jafha peress li kienet ilha tahdem mieghu bhala *part timer* minn Gunju. Ix-xhud ikkonferma li x-xorb w is-sigaretti esibiti fl-atti kienu jappartjeni lilu. Qal li l-imputata kienet iddur xi ristoranti wara l-hin. Ix-xhud zied jghid li kien jaf li kien hemm xi ordni ta’ xi hadd mis-Sannat li kienet toqghod bieb ma bieb ma ommu u l-imputata kienet ghabbiethom fil-karozza personali taghha biex tohodhomlha. Ikkonferma li d-dokumentazzjoni esibita bhala dokument AG 5 tappartjeni lilu u li tali dokumentazzjoni kienet tkun f’idejn l-imputata biex iddur bihom bil-vann. Qal li l-imputata hija mpjegata mieghu bhala *sales girl* u tiehu ordnijiet, tigborhom u tohodhom l-ufficju w is-*sales* isiru minn haddiema ohra tieghu. Zied jghid li l-imputata, x-xoghol tieghu kienet tghamlu bil-vettura privata taghha li hija tal-ghamla Ibiza. Qal li hu ma jkunx maghha meta hi tkun qed taghmel x-xoghol taghha.

Illi nhar l-erbatax ta’ Marzu 2006 **xehed PS 187 Mario Cassar** [fol 34] fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Awissu 2005 l-imputata presenti fl-awla kienet ghamlet rapport li l-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni

HPC 505 li kienet taghmel uzu minnha hi u li kienet tappartjeni lil kumpanija fejn tahdem, kienet misjuba nieqsa minn wara l-bieb tar-residenza taghha. Allegat wkoll li setgha kien il-kaz li din ittiehdet minn xi membri tal-istess kumpanija peress li kienet harget fuq *strike*. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarakata bhala dokument PS. Qal li erbat ijiem wara l-imputata kienet regghet marret l-ghassa tirrapporta li f'din il-karozza kien hemm xi affarijiet taghha wkoll, liema oggetti huma deskritti fl-istess okkorrenza esibita, li fost dawn kien hemm tlett kaxxi tal-Heineken, grossa sigaretti u tnax il-flixkun t'inbid abjad, *diary* taghha b'hafna *business cards*. Qal li lilu ma semmietlu ebda flus.

Illi nhar s-sittax ta' Jannar 2007 **rega' xehed PS 187 Mario Cassar** [ fol 79] fejn qal li meta l-imputata marret l-ewwel darba taghmel r-rapport taghha, hu kien ipprova jikkuntattja lil H.P. Cole pero ma kienx irnexxilu.

Illi nhar l-erbatax ta' Marzu 2006 **xehed George Ferris** [fol 37] fejn qal li hu jahdem bhala manager mas-socjeta H.P. Cole. Qal li hu kien gie moghti struzzjonijiet mid-direttur tieghu sabiex imur Ghawdex u jigbor vann ta' wahda mis-*sales girls* tal-kumpanija li kien igib in-numru ta' registrazzjoni HPC 505. Qal li ghalhekk hu kien tela' Ghawdex flimkien ma kollega tieghu Peter Falzon bi *spare keys* tal-vettura u minn Victoria, haduha lura ghand l-kumpanija. Qal li f'din il-karozza kien hemm kaxxa xorb, birra u sigaretti u dawn kollha gew mghoddija lid-direttur tal-kumpanija li jahdem maghhom. Qal li sussegwentement kienet marret Doris Lungaro Mifsud li hi l-Commercial Manager taghhom u fl-istess karozza kienu sabu xi dokumentazzjoni ohra li ma kienetx tappartjeni lis-socjeta tieghu. Zied jghid li skrittura ma sabux.

In kontr'ezami x-xhud qal li hu kien gie moghti dawn l-istruzzjonijiet minn Kenward Cole u kienu jikkonsistu billi tingabar il-karozza. Qal li kellu wkoll l-istruzzjoni li ma javzax lil imputata li kienet ser tingabar il-karozza li minnha kienet taghmel uzu. Qal li l-vettura ingabret bil-lejl u fil-fatt waslu lura Malta bil-vettura ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl. Qal li l-indirizz minn fejn kellha tingabar l-vettura

kien gie moghti lilu mid-direttur u li kieku l-vettura m'instabitx, kienu jirritornaw lura Malta minghajrha. Mistoqsi jekk f'xi *glove compartment* tal-karozza kaien hemm xi dokumentazzjoni ta' H.P. Cole, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li lanqas flus ma kien hemm.
Illi nhar s-sitta ta' Gunju 2006 **rega' xehed George Ferris** [fol 54] fejn qal li l-istruzzjonijiet li tah Kenward Cole kienu li jmur jigbor din il-karozza u johduha lura l-fabbrika u li ma javzawx lil imputata b'tali tehid. Qal li ghalhekk hu qatt ma kkomunika mal-imputata qabel ma ha l-karozza in kwistjoni. Qal li meta gabar il-vettura hu hadha fil-garaxx tal-fabbrika taghhom, *tale quale* kif kienet. Qal li hu qatt ma fetah l-*glove compartament* tal-imsemmija vettura u halla kollox kif kien. Mistoqsi minn kien li ghamel tfittxija fil-karozza l-ghada filghodu, x-xhud wiegeb li din saret minn Doris Lungaro Mifsud u wara kienet baghtet ghalih. Mistoqsi jekk x'hin mar hu l-*glove compartment* kienx miftuh jew le, x-xhud wiegeb li ma tax kaz ta' dan.

Illi nhar l-erbatax ta' Marzu 2006 **xehed Peter Falzon** [fol 39] fejn qal li hu kien akkumpanja lil George Ferris f'Ghawdex biex jigbor vettura tal-kumpanija H.P. Cole u kien George Ferris li saqha lura lejn Malta fix-xahar t'Awissu 2005. Mistoqsi x'tip ta' vettura gabru, x-xhud wiegeb li kien van tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni li jibda bl-ittri HPC, ghaliex in-numru ma setghax jiftakru. Qal li hu kien gie ordnat jitla ma George Ferris f'Ghawdex. Qal li hu kien jaf fejn toqghod l-imputata odjerna ghaliex gieli hadha lura mix-xoghol. Qal li l-karozza gabruha minn hdejn r-residenza tal-imputata fir-Rabat, Ghawdex. Zied jghid li wara ghamlu tfittxija fil-vann u sabu fih xi nbid u sigaretti li gew mghoddija lid-dirigenti taghhom kif wkoll d-dokumentazzjoni li nstabet fih. Qal li flus ma nstabux.

Illi nhar l-erbatax ta' Marzu 2006 **xehed Victor Refalo** [fol 41] fejn qal li hu ghandu stabbiliment maghruf bl-isem 'Ekkxa Kiosk' jew 'Il-Forketta. Qal li lil imputata kien ilu jafha minn ckunita u sar jafha wkoll meta kienet tahdem mas-socjeta H.P. Cole. Qal li hu kien jixtri l-prodotti ta' H.P. Cole minghand l-imputata. Qal li l-flus gieli ghaddihom lil George u gieli kien jitla bihom Malta. Qal li

kellu xi xoghol li kien xtara direttament minghand l-imputata ghan-nom tas-socjeta H.P. Cole li kien ghadu ma hallasx tieghu ghaliex hadd ma kien mar ghal flus u dan kien fl-ammont ta' 'l fuq minn mitt lira. Meta x-xhud gie muri d-dokument AG 7, qal li dawk huma zewg *invoices* li hu ghadu debitur tas-socjeta H.P. Cole u li ghadhom pendenti. Qal li hu gieli kellu bilanc maghhom ghal perjodu ta' sentejn. Qal li darba minnhom kienet marret persuna li qaltlu li kienet rappresentanta ta' H.P. Cole, li ma kienx jaf minn hi, staqsih jekk riedtx xi haga u hu qallu li ma kien ried xejn peress li kienet waslet x-xitwa. Qal li din il-persuna kienet staqsietu jekk kellux xi kontijiet pendenti u hu kien irrisponda li kellu *invoice* wahda u minn dakinhar ma rahx izjed. Qal li hu kien lest li jhallas dik l-*invoice* u dak li hu dovut.

Illi nhar l-erbatax ta' Marzu 2006 **xehed Ferdinand Portelli** [fol 43] fejn qal li ma hemm ebda pagament pendenti mas-socjeta H.P. Cole mill-istabbiliment Café Café li hu rappresentant taghha. Meta gie muri d-dokument IB li jifforma parti mid-dokument AG 7, ix-xhud qal li dik hija *invoice* mahruga w indirizzata lis-socjeta minnu rappresentata fl-ammont ta' tmienja w sebghin lira u dan mahrug mis-socjeta H.P. Cole. Qal li effettivament dan d-debitu hu kien hallsu lil imputata presenti fl-awla u hi kienet iffirmat li thallset f'*cash* waqt li kienet fil-hanut tieghu.

Illi nhar s-sitta ta' Gunju 2006 **xehdet Rita Portelli** [fol 52] fejn qalet li hi kienet tahdem fil-forn Mekren's Bakery ma zewgha w ikkonfermat li kienu jixtru xi merkanzija minghand l-imputata presenti fl-awla. Qalet li l-arrangament kien li hi tikkonsenja x-xoghol, tithallas u daqshekk. Mistoqsija meta kien l-ahhar pagament, x-xhud x'gharfitx twiegeb.

Illi nhar s-sitta ta' Gunju 2006 **xehed Carmel Dalli** [fol 53] fejn qal li hu jahdem mas-socjeta H.P. Cole u lil imputata presenti fl-awla kien jafha bhala *sales girl* mieghu. Qal li d-direttur kien talbu sabiex imur jigbor xi flus minghand xi klijenti tal-H.P. Cole u fost dawn kien hemm Café Café, il-Forketta Restaurant u xi nies ohra. qal li meta mar ghand

dawn biex jigbor il-flus, dawn qalulu li kienu gia hallsu lil imputata.

In kontr'ezami, mistoqsi b'mod partikolari jekk tal-Forketta Restaurant qalulux li effettivament kienu ghadhom ma hallsux lil imputata, x-xhud qal li le. Zied jghid li kien hemm d-dirigenti tal-istess restaurant mal-bank li qalulu li kienu hallsu. Meta l-Qorti gibdet l-attenzjoni tax-xhud ghal fatt li Victor Refalo ghan-nom ta' Forketta Restaurant, kien qal li kien ghadu ma hallasx l-kont li kien fadallu pendenti, x-xhud wiegeb li lilu mhux hekk kien qallu izda li kien hallas lil imputata.

Qal li jiftakar li wara li allegatament kien xehed Victor Refalo l-Qorti, kien sema' minn gewwa li kien qal dan d-diskors u cioe li kien ghad fadallu kont pendenti u ghalhekk d-dirigenti tieghu kienu baghtuh biex jiltaqa mieghu biex jaraw jistghux jittransigu din il-pendenza u meta wasal hdejn l-vapur ta' Ghawdex, kien qallu li ma setghax ikellmu ghaliex kien gia abbord l-vapur w ghalhekk baqa sa dakinhar ma tkellimx mieghu.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2006 **xehed Nazzareno Bonello** [fol 56] fejn qal li hu sid r-restaurant 'Il-Portofino' maghruf wkoll bhala 'Chaplain'. Qal li f'Awissu 2005 kellu biss c-'Chaplain'. Mistoqsi jekk jafx lil imputata presenti fl-awla, x-xhud wiegeb li kien jafha bhala sales girl ma H.P. Cole li minghandhom kien jordna x-xoghol. Meta gie muri d-dokument AG 7 li fih hemm d-dokument IM li hu ktieb ta' ricevuti, x-xhud ikkonferma li l-ammont ta' hamsin lira hemm imsemmija fl-ircevuti datati sittax ta' Awissu 2005 u disgha w ghoxrin ta' Awissu 2005, hu kien tah lil imputata 'on behalf of H.P. Cole'. Zied jghid li l-imputata kienet tigbor l-flus ghal H.P. Cole.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2006 **xehdet l-imputata minn jeddha b'mod voluntarju** [fol 71] fejn qalet li hi bdiet tahdem ma H.P. Cole f'Jannar 2004 bhala *sales girl* u kellha xi problemi fuq x-xoghol fis-sens li kienet taghmel xi xoghol u ma tithallasx tieghu. Qalet li wara li ghamlet tlett xhur tistenna il-paga b'lura, hi u shabha hargu fuq *strike* fuq direttiva tal-Union. Qalet li l-ghada li hargu fuq *strike*,

l-vann li kien misluf liha ghax-xoghol ma sabitux wara l-bieb. Qalet li f'dan il-vann kellha xi birra, karti w affarijiet personali taghha fosthom sigaretti. Qalet li lejliet, l-gharus taghha kelllu xi problemi fil-karozza tieghu u kien issellef taghha u fiha kien halla xi dokumenti personali. Qalet li hi kienet tigbor il-flus tal-kumpanija u tghaddihom lura lil kumpanija t-Tnejn jew t-Tlieta meta effettivament tmur Malta.

Qalet li f'dawk t-tlett xhur li kellha l-problemi fuq x-xoghol, xorta kienet tigbor l-flus minghand l-klijenti tal-kumpanija u taghtihom l-flus li tigbor. Qalet li kien minnu li kellha zewg pagamenti ta' hamsin lira l-wiehed li kienu fil-pussess taghha li kienu proprjeta tal-kumpanija u li fuq r-receipt book fil-fatt kienet kitbet *asterick* biex turi li l-flus kienu ghadhom ghandha. Qalet li l-mitt lira li kellha fil-pussess taghha meta harget fuq *strike*, dawn kienet ghaddiethom lil avukat taghha flimkien ma mobile u cavetta tal-karozza. Qalet li hi kienet tiehu hsieb d-*deliveries* tal-kumpanija H.P. Cole ghal Ghawdex.

Qalet li hi kienet taghtih l-*invoice* u min kien ihallas kienet tikteb '*paid*' fuqha u wara kienet tibghathom lis-socjeta. Qalet li dawn kienet tpoggihom fil-post fejn ikun hemm l-i*stereo*. Qalet li kienet mistghagba kif l-flus li kienet gabret mill-post Café Café u Mekren Bakery ma sabuhomx kif qalu huma. Cahdet li hi kienet gabret l-flus minghand Victor Refalo tal-Forchetta Restaurant u fil-fatt dawn il-flus kien ghaddihom hu stess lilhom direttement *pendenet lite*.

Mistoqsija jekk kienetx taghmel xoghol iehor apparti ma xoghol ta' H.P. Cole ix-xhud wiegbet fl-affermattiv ghaliex fil-fatt kienet taghmel xoghol part time filghaxijiet. Ziedet tghid li meta sabet il-vann nieqes kienet marret ghamlet rapport l-ghassa dwaru.

Mistoqsija mill-prosekuzzjoni ghaliex qatt ma semmiet flus li kellha fil-vann taghha, ix-xhud wiegbet ghaliex insiethom u peress li l-vann kienu haduh huma kienet immaginat li ser isibuhom fil-vann. Qalet li huwa veru li l-flus li kellha f'cash kienu jeccedu l-valur tal-oggetti li kien hemm.

Ikkonfermat li l-flus minghand Café Café u Mekren kienet irceviethom.

Illi nhar l-hamsa ta' Dicembru 2006 **xehed Yari Baldacchino** [fol 75] fejn qal li hu kien impjegat ma H.P. Cole u li kien jahdem mal-imputat presenti fl-awla. Qal li pero m'ghadux jahdem hemm. Qal li hemmhekk kien jahdem bhala *accounts clerk* u fost d-*duties* li kellu kien li jircievi flus minghand *sales representatives* fosthom l-imputata. Qal li hemmhekk kien hemm problema dwar nuqqas ta' paga. Qal li fil-kaz tieghu din il-problema kienet ghal ahhar erbgha xhur li hadem hemm w ghal imputata ghal ahhar tlett xhur. Qal li sussegwentement l-haddiema hargu fuq *strike* fuq avviz tal-Union f'Awissu 2005. Zied jghid li ghalkemm kien hemm *strike* tal-impjegati hu xorta baqa jircievi flus w ghalkemm ma kienux qed jithallsu mill-kumpanija s-salarji taghhom, l-imputata xorta baqghet tigbor l-flus tal-kumpanija u tghaddihom lil kumpanija. Qal li bejn Gunju 2005 w Awissu 2005, l-imputata ghaddiet eluf ta' flus lil kumpanija ghaliex kienet tghaddi mijiet fil-gimgha. Qal li dawn kienu jitnizzlu fi ktieb iswed bil-blu zghir u sussegwentement issir *reconciliation* ma kull *sales respresentative* ghas-*sales* li tkun ghamlet. Qal li ghal kull *sales respresentative* kien hemm karta separata.

Illi nhar l-hamsa ta' Dicembru 2006 **xehed Aaron Vella** [fol 77] fejn qal li hu l-*boyfriend* tal-imputata u ilu johrog maghha ghal dawk l-ahhar sentejn. Ikkonferma li f'Awissu 2005, hu kien Ghawdex, kien tela minghajr l-karozza tieghu peress li kienet ghand mekanik f'Malta. Qal li lejliet li tela' kienu hadu l-karozza tax-xoghol tal-imputata minn wara l-bieb taghha. Qal li meta tela' Ghawdex, kien qabad l-affarijiet li kellha fil-karozza taghha personali u poggihom fil-vann tax-xoghol taghha u fost dawn kien hemm kaxxa Heineken u xi sigaretti.
Illi nhar s-sittax ta' Jannar 2007 **xehed Dottor Mario Scerri** [ fol 98] fejn qal li fid-disgha w ghoxrin ta' Awissu 2005 kienet marret tkellmu l-imputata wara li kienet insterqitilha jew sabet nieqsa l-vettura tal-kumpanija H.P. Cole. Qal li din il-vettura kienet f'idejha peress li kienet taghmel xi xoghol ghal din il-kumpanija. Qal li spjegatlu li ghal ewwel hi kienet qed tissuspetta li kienet insterqitilha

per mbaghad wara li rceviet xi telefonati minghand shabha tax-xoghol, irrizulta li din kienet ingabret mir-rappresentanti tal-kumpanija.

Qal li qaltlu x'kellha f'din il-karozza fosthom xi flus tal-kumpanija li kienet poggiet fil-kompartiment ta' quddiem fil-parti fejn ikun hemm l-i*stereo*, flimkien ma xi pagamenti w *invoices*. Qal li hu taha parir taghmel rapport lil pulizija. Zied jghid li hi kienet staqsietu jekk tghidilhomx lil pulizija li kien hemm xi flus fiha u peress li kien hemm suspett li din kienet ingabret mill-haddiema tal-kumpanija, qalilha li kien ikun bizzejjed li taghmel r-rapport li l-vettura kienet aktarx ittiehdet mill-kumpanija. Qal li aktar tard hi kienet ghaddietlu xi oggetti tal-kumpanija u cioe mobile phone li kien proprjeta tal-kumpanija, xi cwievet tal-vettura tal-kumpanija H.P. Cole u somma ta' mitt lria maltin li kien fadlilha f'idejha tal-istess kumpanija. Ix-xhud esibixxa dawn l-oggetti bhala dokument MS. Qal li hu kien ipprova jaghmel kuntatt ma din il-kumpanija pero rrizultat fin-negattiv. Qal li sussegwentement meta kienet giet arrestata l-imputata hu kien d-Depot u l-Ispettur Gafa hadlu dikjarazzjoni dwar l-fatti.

In kontro'ezami, mistoqsi jekk kellux awtorizazzjoni sabiex izomm l-flus li ghaddietlu l-imputata, x-xhud wiegeb li hu ma setghax jaghmel kuntatt mal-kumpanija sa minn meta l-imputata ghaddietlu l-flus u ha r-responsabbilita li jzommhom fil-kustodja tieghu. Mistoqsi jekk fil-fatt l-imputata kienetx diga ghamlet r-rapport lil pulizija qabel ma effettivament ghaddietlu l-affarijiet, x-xhud wiegeb li ma kienx cert minn dan. Qal li kien cert pero dwar l-fatt li l-oggetti msemmija kienu gew mghoddija lilu wara li kien kellimha hu l-ewwel darba.
Ikkunsidrat:

Illi l-imputata hija principalment akkuzata bir-reat t'approprjazzjoni ndebita w ghalhekk din il-Qorti thoss li qabel ma telabora fuq il-fatti specie tal-kaz, ghandha tispjiega n-natura ta' dan r-reat.

Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprjazzjoni ndebita.

Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu, 1993*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprjazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-

oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprjazzjoni ndebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fiducja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari** ***dei reati contra la proprieta*** – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali -** (para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:

"*Il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo.*"

**Carrara** fil-kieb tieghu ***Diritto Penale*** taht t-titolu *Esposizione dei delitti inspecie* (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:

" *La dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato.*"
Essenzjalment ghalhekk l-approprjazzjoni ndebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **Il-Pulizija v Joseph** ***Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***; **Il-Pulizija v Joseph Richmond et** ***deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993***; **Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia** ***deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949*** u **Il-Pulizija v Emanuel** ***Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997***.)

B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li

jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.
Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti trid tezamina l-fatti biex tara jekk l-azzjoni tal-imputata tinkwadrax ruhha mar-reat ta' approprjazzjoni ndebita kif allegat l-prosekuzzjoni.

Illi minn ezami akkurat tal-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta *ab initio* li l-oggett irid jigi fdat f'idejn terz qabel ma jkun fil-posizzjoni li jikkonverti dan l-oggett ghal uzu divers minn dak moghti lilu, ghalhekk jirrizulta li l-proprjetarju irid ikun kkonsenja l-haga ghal xi uzu specifikat. Issa fil-kaz presenti jirrizulta li sid l-oggett Kenward Cole, qatt ma ta konsenja tal-vettura tal-ghamla Peugeot lil imputata sabiex iddur biha u tbiegh merkanzija ta' kompetitur. Kenward Cole ta l-pussess u l-uzu tal-vettura tas-socjeta tieghu lil imputata sabiex taghmel s-*sales* ghas-socjeta tieghu H.P. Cole. Bl-uzu tal-vettura ta' H.P. Cole ghad-detriment ta' Kenneth Grech, l-imputata zgur kienet qed tircievi beneficcju.

**Crivellari** fil-ktieb tieghu ***Codice Penale –Vol VIII- pg. 19 –Comm. Art. 40)*** dwar l-element ta' *lucro* jghid:

"*L'elemento intenzionale del furto non si costruisce gia col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*"

**Carrara** fil-fatt jghid fil-ktieb tieghu ***Programma Speciale*** – Vol IV; para 2035) li:

"*Il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uzo della cosa altrui.*"

Illi ma hemmx dubbju li l-vettura tas-socjeta H.P. Cole intuzat mill-imputata ghal uzu diversi minn dak ghal x'hiex kien intiz l-uzu tal-vettura. L-imputata tghid li effettivament hija ma kienetx taghmel d-*deliveries* taghha b'din il-vettura u li l-oggetti u dokumentazzjoni ta' Kenneth Grech instabet f'din il-vettura ghaliex l-gharus taghha kien zvojta

l-vettura personali taghha ghal go din il-vettura qabel ma nizel biha Malta.

Il-Qorti ssibha difficili temmen din t-tezi, molto piu meta tqis li nstabu certi oggetti fil-bagoll u ohrajn fil-*glove compartment*.

Il-Qoti tistaqsi: li kieku kien veru li l-gharus tal-imputata zvojta l-vettura personali taghha, kien ipoggi kollox fil-bagoll u mhux joqghod jghazilhom ! In oltre, meta l-imputata giet mistoqsija fl-istqarrija taghha, jekk qattx uzat il-vettura ta' H.P. Cole biex tiehu l-ordnijiet ta' Kenneth Grech, hija wiegbet "*iva, imma rari.*" In oltre, meta giet mistoqsija x'kienu qed jghamlu l-*walking lists, customers' lists* u *portfolios* ta' Kenneth Grech fil-vettura ta' H.P. Cole hija wiegbet li kienu hemm "*b'kumbinazzjoni u li kienu fil-bieba u li kienu ghar-rimi.*"

Illi dan ma hu veru xejn, ghaliex dik d-dokumentazzjoni ma kienetx ghar-rimi, izda kienet proprjeta ta' Kenneth Grech. Dwar l-oggetti bhal inbid, sigaretti u birra li nstabu fil-vettura minn x'impjegati ta' H.P. Cole, l-imputata tghid a tempo vergine tal-investigazzjoni, li kienu fil-vettura ghaliex riedet taghmel d-*delivery* taghhom. Imkien ma semmiet fl-istqarrija l-versjoni tal-fatti kif esposta minnha u mix-xhud Aaron Vella fix-xhieda li ta l-Qorti.

Dwar il-flejjes li qed tirreklama s-socjeta H.P. Cole u cioe dawk dovuti lil H.P. Cole , il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel.

Illi mhux minnu li Victor Refalo kien ghadda somma flus lil imputata biex tghaddiha lis-socjeta H.P. Cole w ghalhekk zgur li l-imputata ma mmisapprorjatx dawk il-flus. Dawk migbura minnha ghan-nom ta' Portofino, li llum jinsabu esibiti fl-atti, qatt ma gew misapproprjati minnha ghaliex dejjem kienu dovuti lil din s-socjeta u hija ghaddiethom lil avukat difensur taghha Dottor Mario Scerri sabiex jghaddihom ll H.P. Cole w ghalhekk zgur li ma kellhiex l-intenzjoni li taghmel uzu divers minn dak li ghalih kienu gew moghtija.

Dwar il-flus moghtija lilha minn sid l-istabbilimenti Café Café u Mekren Bakery, l-imputata tghid li verament gabrithom u li halliet il-flus fil-vann biex jghaddu ghand s-socjeta pero gara li s-socjeta qabdet u b'mod klandestin w illegali, b'raggion fattasi, hadet l-vettura li kienet tinsab fil-pussess tal-imputata minghajr il-kunsens taghha, jew ahjar, *ad insaputa* taghha. Meta din il-vettura giet miftuha u zarmata mill-oggetti ta' go fiha, l-imputata ma kienetx presenti w ghalhekk din il-Qorti trid taghti l-beneficcju li verament setgha kellha dawk il-flus hemmhekk. Illi minn ezami ta' din l-istqarrija u fid-dawl ta' dak li xehdu l-istess nies li ghaddewlha dawn il-flejjes, il-Qorti ma thossx li hija approprjat ruhha minn dawn il-flejjes ghaliex minn imkien ma jirrizulta li hija kellha x'intenzjoni li taghmel xi *lucro* jew li hija abbuzat mill-fiducja li kellha s-socjeta H.P. Cole, fiha.

Illi minn ezami tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, il-Qorti tinnota li l-imputata giet wkoll akkuzata bir-reat ta' raggion fattasi, kif dispost fl-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, pero dwar dan r-reat, il-partijiet ma ttrattawx. Il-Qorti thoss li l-fatti kif spjegati aktar 'l fuq jammonta ghar-reat ta' misapproprjazzjoni u **mhux** dwar raggion fattasi.

Tinnota wkoll li l-imputata giet akkuzata bir-reat ta' frodi dwar sigurta kif dispost fl-artikolu 295 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u peress li din l-akkuza m'ghandha x'taqsam xejn mal-kaz in dezamina, u fil-fehma tal-Qorti din inghatat mill-Avukat Generali bi zball, tiddikjara li ma ssibx lil imputata hatja ta' dan l-istess reat u tilliberaha minnu.

**Il-Qorti** ghalhekk **tiddikjara li ssib lill-imputata MARBECK CREMONA hatja ta' misapproprjazzjoni kif aggravat bl-artikolu 295 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
Illi pero fic-cirkostanzi partikolari, il-Qorti thoss li m'ghandhiex tapplika piena karcerarja effettiva ghaliex ma giex ppruvat mill-prosekuzzjoni li l-lucru li ghamlet l-imputata, kien wiehed kbir, oltre l-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta w ghalhekk ghandha tittratta maghha bhala li hija *a first time offender*.

**Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputata <u>hatja ta' missapproprjazzjoni kif aggravat</u> u tikkundannaha ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt [300] lira maltin filwaqt li tiddikjara li <u>ma ssibhix hatja tal-akkuzi l-ohra kollha</u> u tilliberaha minnhom.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputata thallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat f'dawn il-proceduri.**

**Il-Qorti qed taghti l-awtorizzazzjoni taghha lil parte civile Kenward Cole sabiex jirtira minn dawn l-atti l-flejjes presentati minn Dottor Mario Scerri wara li jaghmel d-debita ricevuta skond l-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------